IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.4.2014
COM(2014) 189 final

2014/0114 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Unjoni Ewropea.**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, it-tiġdid tal-protokoll tal-ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd konkluż mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe. Wara dawn in-negozjati, fid-19 ta' Diċembru 2013, ġie inizjalat abbozz ta' Protokoll ġdid min-negozjaturi Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' erba' (4) snin li jibda mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stipulata mill-Artikolu 14 – tiegħu. Din id-data tkun l-istess bħal dik tal-iffirmar ta' dan il-Protokoll il-ġdid.

L-għan prinċipali tal-Protokoll tal-Ftehim huwa li joffri opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet ta' São Tomé skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. Il-Kummissjoni hija bbażata, fost oħrajn, fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni *ex-post* ta' protokoll preċedenti imwettqa minn esperti esterni.

L-għan huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe għall-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żoni tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-protokoll jipprevedi l-opportunitajiet ta' sajd fil-kategoriji tas-sajd li ġejjin :

– 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun.

– 6 (sitt) bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill jawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll il-ġdid.

## 2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-Protokoll 2011-2014. Ġew ikkonsultati wkoll l-esperti mill-Istati Membri waqt laqgħat tekniċi. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ġie konkluż li jkun ta' benefiċċju li jinżamm protokoll tas-sajd mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll innifsu, kif ukoll mar-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri tal-UE.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tammonta għal EUR 710 000 għall-ewwel tliet snin u għal EUR 675 000 għar-raba' sena abbażi ta' a) tunnellaġġ ta' referenza ta' EUR 7 000, li għalih ammont marbut mal-aċċess ġie stabbilit għal EUR 385 000 għall-ewwel tliet snin u EUR 350 000 għar-raba' sena u b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe li jammonta għal EUR 325 000. Dan l-appoġġ huwa konformi mal-objettivi tal-politika nazzjonali fir-rigward tas-sajd u b'mod

partikolari mal-ħtiġijiet tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe fir-rigward ta' appoġġ għas-sajd artiġjanali u tal-ġlieda kontra s-sajd illegali.

2014/0114 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Unjoni Ewropea.**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea ,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Lulju 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 894/2007[1] dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim").

(2) Fit-12 ta' Lulju 2011 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/420/UE[2] dwar il-konklużjoni ta' Protokoll[3] li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe. Il-protokoll konkluż ikopri perjodu ta' tliet (3) snin u jiskadi t-12 ta' Mejju 2014.

(3) L-Unjoni nnegozjat Protokoll ġdid għal ftehim mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe għal perjodu ta' erba' snin, billi tat lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet li r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe għandha s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni fuqhom fir-rigward tas-sajd.

(4) Biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni Ewropea, huwa prevista li l-Protokoll il-ġdid għandu jiġi applikat b'mod provviżorju sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu. Din l-applikazzjoni provviżorja tapplika mid-data tal-iffirmar iżda mhux qabel id-data ta' skadenza tal-protokoll preċedenti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (il-"Protokoll") huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi.

[1] ĠU L Nru 205, 7 ta' Awwissu 2007, p.35
[2] ĠU L Nru 188, 19 ta' Lulju 2011 p.1
[3] ĠU L Nru 136, 24 ta' Meju 2011, p.5

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrumenti ta' setgħa sħiħa li jawtorizzaw il-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Protokoll biex tiffirma/jiffirmaw il-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu japplika b’mod provviżorju, skont l-Artikolu 14 tiegħu, mid-data tal-iffirmar tiegħu, iżda mhux qabel it-13 ta' Mejju 2014 sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Mill-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġuni(jiet) għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju:

1.7. Metodu(i) ta' mmaniġġjar prospettat(i):

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i:

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti:*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi:*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe.

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika(i) kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB[4]

11. – Affarijiet Marittimi u Sajd

11.03 – Kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-organizzazzjonijiet reġjunali tal-ġestjoni tas-sajd (ORGP) u organizzazzjonijiet oħra u ftehim tas-sajd sostenibbli (APD)

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[5]

X Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. L-għan (għanijiet) strateġiku (strateġiċi) pluriennali tal-Kummissjoni mmirati mill-proposta/inizjattiva*

In-negozjati u l-konklużjoni ta' Ftehimet dwar is-Sajd ma' pajjiżi terzi jissodisfaw l-għan ġenerali li jkun permess l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea f'żoni tas-sajd li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) ta' pajjiżi terzi u li tiġi żviluppata sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-ħsieb li jissaħħaħ l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-UE.

Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPAs) jiżguraw ukoll il-koerenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-Politika Komuni tas-Sajd u l-impenji li jittieħdu f'politiki oħra Ewropej (l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi ta' Stati terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali, kif ukoll governanza aħjar tas-sajd fuq il-livell politiku u finanzjarju).

*1.4.2. Għan (għanijiet) speċifiku (speċifiċi) u attività (attivitajiet) ABM/ABB ikkonċernati*

Għan speċifiku Nru 1

Sabiex jingħata kontribut għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni, tinżamm preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u jitħarsu l-interessi tas-

[4] ABM: *Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività* ('Activity-Based Management') – ABB: *Baġit Ibbażat fuq l-Attività* (Activity-Based Budgeting).

[5] Kif previst fil-paragrafu 2, il-Punt a) jew b) tal-Artikolu 54 tar-Regolament Finanzjarju.

settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi billi jiġu nnegozjati u konklużi FPAs ma' Stati kostali, b'mod li jkunu konsistenti ma' politiki Ewropej oħrajn.

Attività (attivitajiet) ABM/ABB ikkonċernata (ikkonċernati)

Affarijiet marittimi u tas-sajd: Biex jiġi stabbilit qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terżi (SFAs) (linja baġitarja 11.0301).

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva mistennija għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Il-konklużjoni tal-Protokoll se tgħin sabiex jinżamm livell sostenibbli ta' opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti Ewropej fiż-żona tas-sajd tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe.

Il-Protokoll se jikkontribwixxi wkoll għall-ġestjoni u l-konservazzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, permezz tal-appoġġ finanzjarju (appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fuq il-livell nazzjonali mill-pajjiżi sħab u b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll u l-ġlieda kontra s-sajd illegali.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatti*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Ir-rata tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (% tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd użati meta mqabbla mad-disponibbiltà offruta mill-Protokoll);

Il-ġbir u l-analiżi tad-dejta dwar il-qabdiet u l-valur kummerċjali tal-Ftehim;

Il-kontribuzzjoni għall-impjiegi u għall-valur miżjud fl-UE u għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-UE (fuq livell aggregat ma' FPAs oħra);

Għadd ta' laqgħat tekniċi u tal-Kumitati Konġunti.

**1.5. Raġuni(jiet) għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit/i li jrid/u jiġu ssodisfat/i fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Il-Protokoll għall-perjodu 2011-2014 jiskadi fis-13 ta' Mejju 2014. Huwa previst li l-Protokoll il-ġdid jiġi applikat b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu u mhux qabel mit-13 ta' Mejju 2014. Sabiex tkun żgurata l-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd, qed jingħata bidu għal proċedura rigward l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni fir-rigward tal-firma u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll b'mod parallel ma' din il-proċedura.

Il-Protokoll il-ġdid se jipprovdi qafas għall-attivitajiet tas-sajd tal-flotta Ewropea fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe, u se jawtorizza lis-sidien tal-bastimenti Ewropej jitolbu liċenzji tas-sajd li jawtorizzawhom jistadu fl-ilmijiet ta' São Tomé u Príncipe. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u São Tomé u Príncipe bil-għan li jippromwovi l-iżvilupp ta' politika ta' sajd sostenibbli. Huwa jipprovdi, b'mod partikolari, il-kontroll tal-bastimenti bil-VMS u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-qabdiet b'mod elettroniku. L-appoġġ settorjali ġie msaħħaħ bil-għan li jgħin lir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali fir-rigward tas-sajd u jinkludi l-ġlieda kontra s-sajd IUU.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Fir-rigward ta' dan il-Protokoll il-ġdid, in-nuqqas ta' azzjoni mill-UE twassal għal ftehimiet privati li ma jagħtux garanzija ta' sajd sostenibbli. L-Unjoni Ewropea tispera wkoll li b'dan il-Protokoll, ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe tkompli tikkoopera b'mod effikaċi mal-UE b'mod partikolari fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd illegali.

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-analiżi tal-qabdiet skont il-Protokoll preċedenti wasslet sabiex il-Partijiet iżidu t-tunnellaġġ ta' referenza. L-appoġġ settorjali ġie msaħħaħ filwaqt li tqiesu l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali fir-rigward tas-sajd kif ukoll tal-ħtiġijiet f'termini tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe.

*1.5.4. Kompatibilità u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra rilevanti*

Il-fondi mħallsa skont l-FPAs jikkonsistu fi dħul funġibbli fil-baġits tal-pajjiżi terzi sħab. Madankollu, l-allokazzjoni ta' wħud minn dawn il-fondi għall-implimentazzjoni tal-miżuri fil-qafas tal-politika settorjali tal-pajjiż hija kundizzjoni għall-konklużjoni u l-monitoraġġ tal-FPAs. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħra ta' finanzjament minn donaturi oħra ta' fondi internazzjonali għat-twettiq ta' proġetti u/jew programmi fuq livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

**1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju:**

X Proposta/inizjattiva ta' tul ta' **żmien limitat**

– X Proposta/inizjattiva fis-seħħ mid-data tal-iffirmar tal-Protokoll u mhux qabel it-13 ta' Mejju 2014 għal tul ta' erba' snin.

– X Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2017

☐Proposta/inizjattiva ta' tul taż-**żmien illimitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

**1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)**[6]

**Mill-baġit tal-2014**

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– X Mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni ;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐**Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐**Ġestjoni indiretta** permezz tad-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew lil korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ il-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fis-CFSP skont it-Titolu V tat-Trattat tal-UE u identifikati fl-att bażiku relevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn mod ta' mmaniġġjar wieħed, jekk jogħġbok agħti dettalji fis-sezzjoni "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| |

[6] Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-Kummissjoni (DĠ MARE, b'kollaborazzjoni mal-espert tas-sajd tagħha bbażat fil-Gabon u d-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'Libreville) se tiżgura monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, speċjalment f'termini tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd mill-operaturi u f'termini ta' dejta dwar il-qbid.

Barra minn hekk, l-FPA jipprevedi mill-inqas laqgħa annwali waħda tal-Kumitat Konġunt li matulha l-Kummissjoni u Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u terzi jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll tiegħu u jagħmlu, fejn ikun meħtieġ, aġġustamenti fil-programmar u, fejn xieraq, fil-kontribuzzjoni finanzjarja.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)*

Jeżistu għadd ta' riskji fit-twaqqif ta' protokoll dwar is-sajd, b'mod partikolari rigward l-ammonti maħsuba għall-finanzjament tal-politika settorjali tas-sajd (sottoprogrammar).

*2.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna s-sistema stabbilita ta' kontroll intern*

Huwa previst djalogu bbażat fuq l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali. L-analiżi konġunta tar-riżultati li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3 tifforma parti wkoll minn dawn il-metodi ta' kontroll.

Barra minn hekk, il-Protokoll fih klawżoli speċifiċi għas-sospensjoni tiegħu, taħt ċerti kundizzjonijiet u f'ċirkostanzi partikolari.

*2.2.3. Stima tal-kosti u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball*

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.*

Il-Kummissjoni tintrabat li tistabbilixxi djalogu politiku u konsultazzjoni permanenti mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe sabiex tkun tista' ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u ssaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-UE għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. F'kull każ, kull pagament li jsir mill-Kummissjoni fil-qafas ta' FPA huwa soġġett għar-regoli u l-proċeduri baġitarji u finanzjarji standard tal-Kummissjoni. Dan jippermetti, b'mod partikolari, li jiġu identifikati b'mod sħiħ il-kontijiet bankarji tal-Istati terzi li fihom jitħallsu l-ammonti tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Għal dan il-Protokoll partikolari, l-Artikolu 2(8) jistipula li l-kontribuzzjoni finanzjarja kollha għandha titħallas f'kont tat-Teżor Pubbliku li jkun infetaħ mill-Bank Ċentrali ta' São Tomé u Príncipe.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i:

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti:

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali: | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni……] | Diff/mhux diff. (7) | mill-pajjiżi tal-EFTA[8] | mill-pajjiżi kandidati[9] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21 (2) ( b ) tar-Regolament Finanzjarju |
| 2 | 11.03 01<br>Biex jiġi stabbilit qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terżi (SFAs) | Diff. | EBDA | EBDA | IVA | EBDA |

- Il-linji tal-baġit ġodda mitluba (mhux applikabbli)

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji*.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali: | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni……] | Diff/mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21 (2) ( b ) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.SS.SS.SS] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

7 Diff. = Approprjazzjonijiet Differenzjati/ Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

8 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

9 Pajjiżi kandidati u fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa*

F'EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **Numru 2** | Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali |
|---|---|---|

| DĠ MARE | | | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | daħħal kemm il-sena jkun hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •L-approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit 11.0301 | Impenji | (1) | 0,710 | 0,710 | 0,710 | 0,675 | | | | **2,805** |
| | Ħlasijiet | (2) | 0,710 | 0,710 | 0,710 | 0,675 | | | | **2,805** |
| Numru tal-linja tal-baġit | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (2 a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[10] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja 11 010401 | | (3) | 0,074 | 0,074 | 0,074 | 0,134 | | | | **0,356** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ** MARE | Impenji | =1+1a +3 | 0,784 | 0,784 | 0,784 | 0,809 | | | | **3,161** |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3 | 0,784 | 0,784 | 0,784 | 0,809 | | | | **3,161** |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,710 | 0,710 | 0,710 | 0,675 | | | | **2,805** |
| | Ħlasijiet | (5) | 0,710 | 0,710 | 0,710 | 0,675 | | | | **2,805** |

[10] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi | | (6) | 0,074 | 0,074 | 0,074 | 0,134 | | | | **0,356** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 2** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | 0,784 | 0,784 | 0,784 | 0,809 | | | | **3,161** |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | 0,784 | 0,784 | 0,784 | 0,809 | | | | **3,161** |

**Jekk aktar minn intestatura waħda hija affetwata mill-proposta/inizjattiva: MHUX APPLIKABBLI**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | | | | | | |
| •TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali** | **5** | Amministrazzjoni |
|---|---|---|

F'EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | daħħal kemm il-sena jkun hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: MARE | | | | | | | | | |
| •Riżorsi umani | | 0,113 | 0,113 | 0,113 | 0,113 | | | | **0,452** |
| •Infiq amministrattiv ieħor | | 0,006 | 0,006 | 0,006 | 0,006 | | | | **0,024** |
| **TOTAL DĠ MARE** | Approprjazzjonijiet | 0,119 | 0,119 | 0,119 | 0,119 | | | | **0,476** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Total tal-impenji = Total tal-ħlasijiet) | 0,119 | 0,119 | 0,119 | 0,119 | | | | **0,476** |

F'EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | daħħal kemm il-sena jkun hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0,903 | 0,903 | 0,903 | 0,928 | | | | **3,637** |
| | Ħlasijiet | 0,903 | 0,903 | 0,903 | 0,928 | | | | **3,637** |

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– x Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| **Indika l-għanijiet u r-riżultati** | | | Sena **2014** | | Sena **2015** | | Sena **2016** | | Sena **2017** | | daħħal kemm il-sena jkun hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI (tipi ta' riżultati)** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ⇩ | Tip[11] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost medju |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[12]... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - liċenzji tal- | t/sena | 55/50[13] | | 0,385 | | 0,385 | | 0,385 | | 0,350 | | | | | | | | |
| - appoġġ | Annwa | 0,325 | 1 | 0,325 | 1 | 0,325 | 1 | 0,325 | 1 | 0,325 | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | 0,710 | | 0,710 | | 0,710 | | 0,675 | | | | | | | | |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotali tal-għan speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | | | 0,710 | | 0,710 | | 0,710 | | 0,675 | | | | | | | | |

[11] Ir-riżultati huma prodotti jew servizzi li jridu jiġu fornuti (pereż.: numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[12] Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi...".

[13] Prezz kull tunnellata ta' referenza ta' 7000 tunnellata kull sena : EUR 55 għall-ewwel tliet snin u EUR 50 għall-aħħar sena

### *3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprazzjonijiet ta' natura amministrattiva.

– x Il-proposta/l-inizjattiva jeħtiġilha tuża approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

F'EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | daħħal kemm il-sena jkun hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,113 | 0,113 | 0,113 | 0,113 | | | | **0,452** |
| Infiq amministrattiv ieħor | 0,006 | 0,006 | 0,006 | 0,006 | | | | **0,024** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0,119 | 0,119 | 0,119 | 0,119 | | | | **0,476** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5[14] tal-qafas finanzjarju plurienniali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.062 | 0,062 | 0,062 | 0,062 | | | | **0,248** |
| Infiq amministrattiv ieħor ta' natura amministrattiva | 0,012 | 0,012 | 0,012 | 0,072 | | | | **0,108** |
| **Subtotal Barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 0,074 | 0,074 | 0,074 | 0.134 | | | | **0.356** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **0,193** | **0,193** | **0,193** | **0,253** | | | | **0,832** |

L-approprjazzjonijiet ta' riżorsi umani meħtieġa jagħmlu tajjeb għalihom l-approprjazzjonijiet mid-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew imqassma mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien, fejn meħtieġ, ma' allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

[14] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– x Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time*

| | | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** |
|---|---|---|---|---|---|
| **•Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | |
| 11 01 01 01 (fil-Kwartieri Ġenerali u fl-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 0,95 | 0,95 | 0,95 | 0,95 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | |
| **•Persunal estern (f'ekwivalenti għall-full-time – FTE)[15]** | | | | | |
| XX 01 02 01 (AK, ENS, INT mill-pakkett globali) | | | | | |
| XX 01 02 02 (AK, AL, ENS, INT, u EŻD fid-delegazzjonijiet) | | | | | |
| **11** 01 04 01 *[16]* | - fil-kwartieri ġenerali | | | | |
| | - fid-Delegazzjoni | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 0,5 |
| XX 01 05 02 (AK, INT, ENS fuq riċerka indiretta) | | | | | |
| 10 01 05 02 (AK, INT, ENS fuq Riċerka diretta) | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jkunu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Implimentazzjoni amministrattiva u baġitarja tal-ftehim (liċenzji, monitoraġġ tal-qabdiet, pagamenti, appoġġ settorjali), tħejjija tal-Kumitati Konġunti u parteċipazzjoni fihom għan-negozjar ta' Protokolli sussegwenti, l-atti leġiżlattivi ta' tħejjija u implimentazzjoni, korrispondenza, appoġġ tekniku u xjentifiku.<br>Uffiċjal + assistent finanzjarju + segretarjat + kap tal-unità (jew il-viċi kap) + appoġġ xjentifiku u tekniku u ġabra ta' liċenzji u dejta dwar il-qabdiet : 0,95 FTE distribwiti kif ġej: EUR 132 000 għal 0,75 FTE fis-sena u EUR 70 000 għal 0,2 FTE fis-sena. |
| Persunal estern | Wara l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-appoġġ settorjali. Stima ta' EUR 125 000 għal 0,5 FTE fis-sena |

15 AK = Persunal Kuntrattwali; AL= Aġent Lokali; ENS= Espert Nazzjonali Ssekondat; INT = persunal tal-aġenzija (intérimaire); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet);

16 Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern mill-approprjazzjonijiet operattivi (ex-linji "BA").

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti:*

– x Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[17].

| |
|---|
| Spjega dak li huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi:*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | daħħal kemm il-sena jkun hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Ammont totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[17] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali (għall-perjodu 2007-2013).

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– x Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq id-dħul mixxellanju

F'EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Ammonti disponibbli għas-sena baġitarja attwali | Impatt tal-proposta / inizjattiva[18] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | daħħal kemm il-sena jkun hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[18] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % tal-ispejjeż tal-ġbir.